TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT/78/20/S

Richard Casha

vs

Liftman Malta Ltd

Illum 7 t'Ottubru,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Richard Casha pprezentata fit-8 ta'Lulju,2020 filwaqt li s-socjeta Liftman Malta Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal rifuzjoni ta' ammont gja mhallas meta s-socjeta intimata ma tatx is-servizz kollu li obbligata taghmel;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Richard Casha u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Richard Casha li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti u x-xhud Saviour Micallef spjegaw u pprezentaw rendikont mat-talba, kif waslu ghat-talba ta' €1000;

Illi min-naha l-ohra ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tal-istess socjeta;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti u mix-xhud stess, l-ammont ta' €1000 mhuwiex gustifikat kollu izda zewg terzi u cioe €666.66;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Richard Casha u Jordna lis-socjeta Liftman Malta Ltd thallas lil Richard Casha is-somma ta' €666.66. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Liftman Malta Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru